GUDJA

Minuti ta' l-ewwel laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret illum it-Tlieta 07 ta' Lulju 2009.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku:- | John-Mary Calleja |
| Viċi-Sindku:- | Romeo Baldacchino |
| Kunsilliera:- | Osvaldo Pace, Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |
| Segretarju Esekuttiv:- | Joseph M. Formosa |
| Attendenza oħra:- | Dr. Francesco Depasquali LL.D. |

Agenda:-

1. Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku

2. Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi-Sindku

3. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m.

Il-membri kollha tal-Kunsill qalu t-talba

Ftuħ tal-laqgħa

Peress li skondi l-proċeduri din l-ewwel laqgħa kellha tinfetaħ mill-Kunsillier l-aktar wieħed anzjan, il-laqgħa nfetħet mis-Sur Anthony Dalli.

**1.0 Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku**

1.1 Is-Sur John-Mary Calleja li fl-elezzjoni li saret fis-06 ta' Lulju 2009 ġab l-aktar ammont ta' voti taħti il-kappa tal-Partit Laburista li f'dan il-Kunsill għandu erba' membri eletti, stqarr li aċċetta l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali għall-Gudja skond kif tipprovdi l-liġi u skedi dwar l-amministrazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

1.2 L-Avukat Dr. Francesco Depasquale ammistra l-ġurament lis-Sur Calleja u kemm is-Sur Calleja kif ukoll Dr. Francesco Depasquale iffirmaw id-dokument ta' l-aċċetazzjoni u l-ħatra ta' Sindku.

**2.0 Aċċetazzjoni tal-kariga ta' Viċi-Sindku**

2.1 Meta s-Sur Calleja (Sindku) lis-Sur Romeo Baldacchino dwar l-aċċetazzjoni tal-kariga ta' Viċi-Sindku is-Sur Romeo Baldacchino stqarr li aċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku tal-Kunsill Lokali għall-Gudja skond kif tipprovdi l-liġi u skedi dwar l-amministrazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

2.2 L-avukat Dr. Francesco Depasquale ammistra l-ġurament lis-Sur Baldacchino u kemm is-Sur Baldacchino kif ukoll Dr. Francesco Depasquale iffirmaw id-dokumenti ta' l-aċċettazzjoni u l-ħatra ta' Viċi-Sindku.

**3.0 Aġġornament**

3.1 Is-Sindku feraħ lill-Kunsilliera kollha u stqarr li fijhom kollha jara il-ħiliet u entużjażmu meħtieġ sabiex flimkien l-Kunsill Lokali għall-Gudja jkompli jaħdem sabiex il-Gudja tkun aħjar u li r-resdienti tal-Gudja jkunu qrib il-Kunsill u b'hekk ikollhom ħajja aħjar kemm f'dik li hija ambjent, solidarjeta, ħajja soċjali, edukazzjoni, infrastruttura kif ukoll wens individwali għall kull min jirrekorri għand il-Kunsill.

3.2 Is-Sindku qal li f'isem il-Kunsill Lokali Gudja huwa kien stqarr quddiem il-President ta' Malta l-ET Dr. George Abela, waqt żjara ta' kortesija, li l-membri tal-Kunsill kellhom filgħodu kemm sabiex jagħmlu donazzjon lil 'Community Chest Fund' u li biha l-Kunsill lokali Gudja kien qed jinawgura is-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li l-għan ewwlieni tal-Kunsill huwa li l-Gudja trawwem in-nies tagħha sabiex issiru ċittadini ta' l-aqwa kwalita u b'hekk ir-Repubblika ta' Malta ikollha l-aħjar ċittadini li jassiguraw li Malta kollha tkun tista' toffri s-solidarejta lill kull min ikollu bżonn u tinkiseb d-dinjita tal-persuna f'kull eta u bla ebda preġudizzju lejn ħadd.

Is-Sindku qal li bl-integrita b'impenn u ħidma pożittiva jinkisebu r-riżultati mixtieqa u s-suċċess ikun jista jitqawwa minn kulħadd bl-ebda distinzjoni jew eċċezzjoni.

3.3 Is-Sindku qal li kien qed jaħdem dwar il-karigi tal-Kunsilliera sabiex ix-xogħol tal-Kunsill Lokali għall-Gudja issir b'mod effettiv, effiċjenti u bil-galbu meħtieġ.

Is-Sindku awgura li l-Kunsilliera kollha ikollhom snin ta' ħidma flimkien bħala team wieħed fejn is-suċċess jiġi mkejjel mhux biss bħala suċċess inidividwali iżda kollettiv bħala Kunsill magħqud b'għan wieħed li l-Gudja u l-Gudjani kollha ikollhom ħajja aħjar.

3.4 Is-Sindku ippreżenta lill-Kunsilliera kollha kopja tal-Kodiċi ta' Etika li ġew iffirmata individwalment mill-President ta' Malta l-ET Dr George Abela fis07 ta' Lulju 2009.

3.5 Il-Kunsill qabel li t-tieni laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja issir nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju 2009 fis-6.00p.m. fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Gudja 88 Triq Raymond Caruana Gudja jew f'data oħra qabel l-aħħar ta' Lulju 2009.

3.6 Qabel intemmet il-laqgħa s-Segretarju Esekuttiv qal li huwa kif ukoll, l-istaff kollu tal-Kunsill, huma disponibli li jaħdmu mas-Sindku u l-Kunsilliera kollha sabiex il-programm ta' ħidma jitwettaq u jirnexxi fil-ħin u żmien stipulat u skond kif jippermettu l-fondi tal-Kunsill.

Is-Segretarju Esekuttiv qal li huwa dejjem lest li jaħdem fost il-Kunsill sabiex il-Kunsillera ikunu aktar konxji dwar ir-responsabilita, dmirijiet u drittijiet ta' kull kunsilier u dwar kif il-ħajja personali u privata ta' kull kunsillier għandha tiġi rispettata.

3.7 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku